*Din il-lezzjoni hija addattata l-iktar għall-istudenti mit-Tielet sal-Ħames Sena tas-Sekondarja (Years 9, 10 u 11) imma tista' tiġi addattata bi kliem daqxejn eħfef għal dawk iżgħar. Tieħu 40 minuta, imma preferibilment issir fuq żewġ lezzjonijiet.*

Kif ifakkarna l-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, **"L-Ewkaristija timpenjana naħdmu mal-foqra" (nru 1397).** Il-fidi tagħna tisfidana biex intaffu l-faqar ta' madwarna. Għandna ħafna mudelli li juruna kif dan jista' jsir.

**Bħala champion tal-"opri ta' karità,"** Madre Tereża qdiet il-bżonnijiet umani "persuna waħda kull darba" ("one person at a time").

**Bħala champion tal-"ġustizzja soċjali"**, l-Arċisqof Oscar Romero fittex li jindirizza strutturi soċjali li joħolqu l-faqar.

**Biex timxi wara Kristu, jeħtieġ li timxi biż-żewġ saqajn ta' mħabba fl-azzjoni – opri ta' karità u ġustizzja soċjali.**

F'din l-attività, l-istudenti se jqisu d-differenzi bejn dawn iż-żewġ approċċi u kif huma msejħin biex huma jwieġbu b'mod personali.

**Għanijiet tal-Lezzjoni**

* Biex l-istudenti jidentifikaw modi kif il-fidi Kattolika tagħna teħtieġ individwi u gruppi kemm biex jagħmlu opri ta' karità kif ukoll biex jaħdmu għall-ġustizzja soċjali bħala metodi biex itaffu l-faqar.
* Biex l-istudenti jiffurmaw reazzjoni personali ta' fidi biex jgħinu lill-foqra, reazzjoni li tkun ibbażata fuq opri ta' karità u ġustizzja soċjali.

**Parti I: Talb tal-Ftuħ/Warm-up – Iż-Żewġ Saqajn**
**(Ħin stmat: 10 minuti talb u warm-up)**

Qabel tibda s-sessjoni, poġġi xemgħa mixgħula u Bibbja miftuħa fuq Luqa 10:25-37 (Is-Samaritan it-Tajjeb) fuq mejda kif tidħol fil-klassi. Agħmel fotokopja tal-handout tal-Warm-Up Reflections u aqta' kull waħda mit-tmien kwotazzjonijiet fi strixxi individwali.

Hekk kif l-istudenti jidħlu fil-kamra, staqsi għal tmien voluntiera. Meta kulħadd ikun bilqiegħda fil-kwiet, itlob lil wieħed mill-voluntiera biex jaqra l-Evanġelju. Wara t-tħabbira tal-Evanġelju, agħti lill-istudenti mument għal riflessjoni fil-kwiet. Stedinhom jirriflettu fuq il-mistoqsijiet li ġejjin bħala grupp:

*** Min hu l-proxxmu tiegħi?**
*** L-Evanġelju kif jisfidani biex naqdi lill-proxxmu tiegħi?**

Spjega li f'din l-attività ta' warming-up, l-istudenti se jikkunsidraw żewġ approċċi biex jaqdu lill-foqra. Dawn l-approċċi huma magħrufa bħala ż-żewġ saqajn tal-imħabba fl-azzjoni: "opri ta' karità" u "ġustizzja soċjali." Madre Tereża kienet champion tal-"opri ta' karità". Il-fidi tagħha sejħitilha biex taqdi lil Alla billi tissodisfa l-bżonnijiet immedjati tan-nies għall-ikel, mediċina u saqaf fuq rashom. L-Arċisqof Oscar Romero kien champion tal-"ġustizzja soċjali". Kien jemmen li huwa importanti li jiġu indirizzati l-kundizzjonijiet soċjali li joħolqu l-faqar.

Issa qassam waħda mill-kwotazzjonijiet mill-handout ta’ Warm-Up Reflections lil kull wieħed mit-tmien voluntiera. Itlobhom jaqraw il-kwotazzjoni tagħhom. Sfida lill-istudenti biex iqabblu u jikkuntrastaw l-approċċi offruti minn Madre Tereża u l-Arċisqof Romero.
Spjega li filwaqt li t-talenti u l-esperjenzi individwali tagħna jistgħu jwassluna għal approċċ jew ieħor, il-fidi Kattolika tagħna tidentifika kemm l-opri ta’ karità kif ukoll il-ġustizzja soċjali bħala elementi essenzjali biex ngħixu fidi li tagħmel ġustizzja.
Issa aqsam l-istudenti fi gruppi żgħar ta’ mhux aktar minn erba’ studenti. Ipprovdi lil kull grupp b’kopja waħda tal-handout “Żewġ Saqajn” (vojta). Itlob lill-istudenti jagħmlu brainstorming ta’ eżempji ta’ Opri ta’ Karità u Ġustizzja Soċjali u biex “jimlew is-saqajn” bl-ideat tagħhom. Wara pprovdi lil kull grupp b’kopja waħda tal-handout “Żewġ Saqajn ta’ Imħabba fl-Azzjoni” li fiha għandhom xi eżempji lesti.

**Parti II: Attività — Xenarji ta' Faqar**
**(Ħin stmat: 25 minuta)**

Din l-attività se tgħin lill-istudenti japplikaw dak li fehmu dwar “opri ta’ karità” u “ġustizzja soċjali” għal xenarji reali. Dan se jsir billi l-istudenti jiddiskutu fi gruppi żgħar. Kull grupp jirċievi kopja waħda ta’ 4A u wieħed mix- xenarji (4BĊD). Ix-xenarji huma meħudin mill-Omelija li l-Arċisqof ta’ Malta Mons. Charles Scicluna għamel fil-Pontifikal Statali f’Jum l-Indipendenza ta’ din is-sena.
Aqsam il-istudenti fi 3 gruppi ta’ 8 studenti kull wieħed. Kull grupp għandu jirċievi kopja waħda tax-xenarju tiegħu. Jibda l-ewwel minn 4A (li jkollu kull grupp) u jiddiskutih.

Imbagħad agħti ħin lill-gruppi biex jaqraw ix-xenarju tagħhom u wara jaħsbu f’mill-inqas żewġ soluzzjonijiet għall-problemi ppreżentati (b’ittri grassi, bold type). Soluzzjoni waħda għandha tkun tinvolvi opri ta’ karità. L-istudenti għandhom jiddeċiedu kif jistgħu jissodisfaw il-bżonnijiet immedjati tal-individwi involuti permezz ta’ opri ta’ karità. Is-soluzzjoni l-oħra għandha tkun soluzzjoni ta’ ġustizzja soċjali. L-istudenti għandhom jiddeċiedu kif jistgħu jgħinu biex jikkoreġu l-problema fil-komunità in the long term.
Itlob lill-istudenti jaqsmu s-soluzzjonijiet tagħhom. Ikteb is-soluzzjonijiet fuq bord biex il-grupp kollu jara x’qalu sħabhom.

**Parti III: Riflessjoni**

**Hawn l-*għalliem jista' jagħżel xenarji bbażati fuq ir-rilevanza għall-klassi tiegħu, in-numru ta' gruppi żgħar, u l-ammont ta' ħin disponibbli.***

**(Ħin stmat: 5 minuti)**

Bl-istorja tas-Samaritan it-Tajjeb f'moħħhom, stieden lill-istudenti jirriflettu fuq din il-mistoqsija: L-istorja tas-Samaritan it-Tajjeb kif inhija eżempju ta' "opri ta' karità"? Tista' taħseb f'xi modi kif l-istorja tqajjem ukoll kwistjonijiet dwar "ġustizzja soċjali?" Kif?

Rispons Suġġerit:

Ir-rispons tas-Samaritan wera mħabba permezz ta' "opri ta' karità" billi pprovda għall-bżonnijiet immedjati ta' individwu. Nistgħu wkoll inħarsu lejn il-kuntest storiku u naraw għaliex il-qassis u l-Levita ma għenux lir-raġel ferut. Ir-raġel ferut kien jitqies ritwalment mhux nadif skont il-liġijiet ta' dak iż- żmien. Mela l-istorja mhix biss dwar opri ta' karità; hija wkoll dwar il-ġustizzja soċjali. Tenfasizza l-ħtieġa li jinbidlu l-liġijiet li ma jippermettux li jiġu mwettqa l-ħtiġijiet bażiċi.

L-istudenti jistgħu jsemmu wkoll kwistjonijiet oħra dwar ġustizzja soċjali li tqajjem l-istorja. Ngħidu aħna, għaliex it-triq hija daqshekk perikoluża? Liema bidliet iridu jsiru sabiex il-vjaġġaturi ikunu iktar protetti in the long term?

Fl-aħħar, tintalab il-Missierna fl-ispirtu ta' dak li jkun ingħad fl-assembly relatata.

**Riżorsi Addizzjonali**

"Qatlu lill-Arċisqof – Il-Ġrajja Vera ta' Oscar Romero" (2015)

"Għoxrin Ġgant tas-Seklu Għoxrin" (2022)

Dawn iż-żewġ kotba jistgħu jinkisbu mil-Librerija Preca, il-Blata l-Bajda.

L-Omelija sħiħa tal-Arċisqof: https://knisja.mt/ekonomija-li-taghti-dinjita-lill-bniedem-l-arcisqof-fjum-l-indipendenza/

Ikklikkja hawn għal riżorsi addizzjonali li jistgħu jsostnu din il-lezzjoni: https://www.usccb.org/beliefs-and-teachings/who-we-teach/youth/upload/Lesson-4-Additional-Resources.pdf

**RIŻORSI ONLINE**

https://djakonija.org/foqra23

**X'tista ssib:**

verżjoni pdf il-ħoloq għar-riżorsi suġġeriti hawn